MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Numru 9/2000

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Francis Buhagiar**

**Il-Qorti**:

Rat l-Att ta’ Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fid-29 ta' Marzu 2000 kontra Francis Buhagiar li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli: (1) fis-16 ta' Frar 1999 fil-fond numru 373, Main Street, Mosta, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt, b'dan li d-delitt sar minnu filwaqt li kien taht l-influwenza

immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu; (2) fl-istess jum, hin u lok, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu; (3) f'xi zmien matul is-sena 1994 u sas-16 ta' Frar 1999, fil-Mosta, minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjoni, ghalkemm l-Avukat Generali huwa tal-fehma li dawn ma kinux qed jinzammu sabiex isir bejgh jew traffikar iehor kontra l-ligi b'dik l-arma tan-nar jew munizzjon; (4) fis-16 ta' Frar 1999, fil-Mosta, xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu armi tan-nar u munizzjon li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li fuqhom kellha tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata; u (5) fis-16 ta' Frar 1999 u fis-snin ta' qabel, xjentement laqa' ghandu, zamm jew heba, jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma hallsux dazju, jew oggetti li jkunu gew imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta' dazju, minn mahzen ta' depozt tal-gvern jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn ikunu gew iddepozitati;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' Novembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-appellant (allura l-akkuzat) debitament registrata u li fiha l-istess akkuzat ippersista anke wara li gie debitament imwissi minn dik il-Qorti skond l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, iddikjaratu hati skond il-hames kapi tal-imsemmi Att ta’ Akkuza u kkundannatu ghall-piena ta’ ghaxar snin prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn ir-reati, u dan ghar-reati li jaqghu taht l-ewwel, it-tieni u t-tielet kapi ta' l-Att ta' Akkuza komplessivament stante l-assorbiment skond l-artikolu 17(h) tal-Kap 9; kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsa u sebghin liri u tlieta u tletin centezmu (Lm175.33) ghar-rigward tar-raba' kap ta' l-Att ta' Akkuza u, jekk din ma tithallasx fi zmien hmistax-il

jum mid-data tas-sentenza appellata, tigi awtomatikament konvertita f'hamsa u tletin (35) jum prigunerija ohra skond il-ligi; kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' mija u tmienja u sittin liri u sebgha u hamsin centezmi (Lm168.57) ghar-rigward tal-hames kap ta' l-Att ta' Akkuza u, jekk din ma tithallasx fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, tigi awtomatikament konvertita fi tlieta u tletin (33) jum iehor prigunerija skond il-ligi; kif ukoll li jallas is-somma ta' elf u hamsa u sittin liri u tnejn u tletin centezmu (Lm1065.32), import ta' l-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tal-hati a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u, jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f'terminu ulterjuri ta' tliet xhur prigunerija skond il-ligi; u dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat hekk:

"Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reat ta’ omicidju volontarju hija dik ta’ ghomor il-habs, f’dan il-kaz l-Avukat Generali nnifsu, fl-Ewwel Kap tal-att tal-akkuza ikkonceda li, meta ghamel id-delitt, il-hati kien taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi, minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista’ jqis l-eghmil tieghu w ghalhekk kien talab piena massima ta’ prigunerija ta’ mhux aktar minn ghoxrin sena;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tal-31 t’Ottubru, 2003, fejn iddikjara li **fl-eventwalita` biss ta’ ammissjoni da parti tal-akkuzat tal-akkuzi kollha migjuba kontrieh, i**l-Prosekuzzjoni qed tippretendi li l-piena karcerarja m’ghandhiex tkun aktar minn ghaxar snin prigunerija biz-zieda tal-pieni pekunjarji fejn dawn huma tassattivi skond il-ligijiet specjali applikabbli ghar-reati dedotti fid-diversi kapi tal-att ta’ akkuza premess;

Qieset il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b’hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**”, Qorti Kriminali, [24.2.1997]; **“Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**”, Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u **BLACKSTONE’S**

**CRIMINAL PRACTICE**, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.);

Qieset pero` li ghalkemm f’dan il-kaz fil-fatt saret ammissjoni, din ma tistax titqies ghal kollox bhala ammissjoni bikrija ghaliex saret biss wara aktar minn tlitt snin u nofs li l-akkuzat kien gie notifikat bl-att tal-akkuza w li fid-diversi udjenzi quddiem din il-Qorti kif u diversament preseduta, qatt ma kien inghata hjiel li ser ikun hemm ammissjoni, bir-rizultat li l-hati - li hu ta’ eta` ferm avvanzata - baqa’ jgawdi il-liberta` provizorja ghal zmien twil fil-frattemp, meta invece, kieku indika li ried jammetti, seta’ jigi processat u sentenzjat ferm u ferm qabel illum. Fl-istess waqt il-Qorti qieset u fehmet id-diffikultajiet li setghet kienet qed taffaccja d-difiza tieghu biex setghet tittiehed decizjoni fir-rigward, tenut kont tal-istat tal-fakultajiet konjittivi u tal-“personality disorder” li jsofri minnhom il-hati w li setghu wasslu biex din id-decizjoni tigi posposta ghal daqstant zmien. B’dana kollu apparti l-fattur taz-zmien, sar hafna xoghol inutili biex jigu mharrka xhieda w biex jidhru w jigu ezentati gurati ghall-udjenza tat-3 ta’ Novembru, 2003, apparti inkonvenjenti ohra ghall-amministrazzjoni tal-Qrati biex thassar “bookings” ta’ lukanda w facilitajiet ohra ghall-gurati li jkunu lahqu saru u biex terga tavvza lill-gurati biex ma jidhrux;

Qieset bir-reqqa dak li xehed il-psikjarta Dr. Joseph Cassar li fil-waqt li kkonferma c-certifikat esebit waqt l-udjenza tat-3 ta’ Novembru, 2003, qal li ghalkemm il-kondizzjoni mentali tal-hati ma taqax taht genn, turi sinjali ta’ “personality disorder” konsistenti f’ paranoia u agir impulsiv u li hu ta’ “low average” u “border intelligence” u li, ghalkemm kien sejjer ahjar bil-medicini li kien qed jiehu, f’mumenti ta’ “stress” juri sintomi ta’ paranoia w impulsivita`. Qal ukoll li l-hati spiss jara d-dinja b’mod differenti minn nies ohra u jahseb hazin fin-nies. Qal ukoll li din hi kundizzjoni li l-hati twieled biha u li ma hemmx kura ghaliha;

Qieset dak li xehed Dun Edgar Vella li l-hati, li jigi kugin tal-mama` tieghu, u li hu ilu jafu minn meta kien zghir, hu ragel biezel, bil-ghaqal, jghin fil-gbir tal-Knisja, jaghmel

xoghol volontarju, jiehu sehem fil-purcissjonijiet tal-parocca w li jghin lil kullhadd;

Qieset dak kollu li qalet id-difiza fil-kors tat-trattazzjoni, inkluz u senjatament, in-natura mhux tas-soltu ta' dan il-kaz, fejn wara snin twal jghixu flimkien f'mument wiehed tigri tragedja bejn zewgt ahwa, li l-hati ma kienx ta' xi karattru refrattarju, li l-hati fiz-zmien tar-reat kien ibati minn depression bhala rizultat ta' operazzjoni ta' cirkoncizjoni li kien ghamel u li kien qed jiehu xi pilloli kif ukoll li l-vittma kienet ghajjritu bil-mankamenti li ghandu w li kienet qed theddu li ser tmur tghix ma xi qarib iehor taghha, li l-hati kien iddispjacih ghal dak li ghamel u kien izur il-qabar t'ohtu u jqieghed il-fjuri fuq qabarha ta' spiss, kif ukoll kull sottomissjoni ohra. Qieset pero` li d-difiza f'ebda stadju ma ssollevat formalment l-eccezzjoni tad-demenza, lanqas meta dan il-punt issemma mill-Qorti;

Qieset u ezaminat is-sentenzi li gew indikati lilha mid-Difiza w mill-Prosekuzzjoni w senjatament **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Salvatore sive Salvu Farrugia**" [App. Krim. (kolleggjali) 5.4.2001] **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis sive Cikku Farrugia**" [App. Krim. (kolleggjali) 30.10.2003]; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Duminku Briffa**" [App. Krim. (kolleggjali) 16.10.03] u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Grazio Gerada**", [Qorti Krim. 30.6.1997] ghall-fini ta' uniformita` fis-sentenzi fil-kaz ta' reati simili; ghalkemm il-fattispecji li wasslu biex il-hatja jinghataw il-beneficcju tal-attenwanti tal-agitazzjoni tal-mohh u passjoni istantanja ma humiex identici ghall-kaz in dizamina;

Qieset ukoll l-eta` ferm avvanzata w l-kondotta pratikament incensurata tal-hati kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn l-akkuzi;

Qieset li r-reati ammessi fit-tieni w t-tielet kapi, ghall-fini ta' piena, ghandhom jitqiesu bhala li servew bhala mezz biex seta' jsir ir-reat ammess taht l-ewwel kap u ghalhekk ghandhom jigu assorbiti fih skond l-art. 17(h) tal-Kap. 9;

Mill-banda l-ohra qieset ukoll dak li issottometta l-abbli prosekutur, u cioe` li f' dan il-kaz l-Avukat Generali kien diga` refa' l-piz li jikkoncedi l-attenwanti tal-agitazzjoni tal-mohh u ta' passjoni istantanja lill-hati kif ukoll li ddikjara li – f'kaz ta' ammissjoni - ma kienx qed jippretendi piena ta' aktar minn ghaxar snin prigunerija w dana biex tinzamm certa uniformita` u skond il-poter li taghtih il-ligi. Fl-istess hin irid jinzamm bilanc bejn l-interessi tal-hati w dawk tal-vittma w s-socjeta` in generali;

Qieset li skond l-artikolu 228(2) tal-Kodici Kriminali, ghalkemm il-piena ghall-omicidju volontarju bl-iskuzanti attribwita lill-hati mill-Avukat Generali, skond il-ligi kif kienet qabel l-emendi ghall-Kodici Kriminali introdotti bl-Att III tas-sena 2002, hija ghal zmien sa ghoxrin sena w bla minimu, f'dan il-kaz partikolari l-Avukat Generali stess qed jghid li l-piena karcerarja ma ghandhiex tkun ta' aktar minn ghaxar snin stante l-ammissjoni;

Qieset pero` ukoll il-gravita` w l-konsegwenzi tar-reat li bih tnehhiet hajja umana u dak li gie ritenut fis-sentenza Ingliza "Bancroft" (1981) [3 Cr. App. R. (S) 119] citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kaz fuq imsemmi **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis sive Cikku Farrugia"**;

**"…notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control, there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognise that there is still left some degree of culpability…" (ara Jeremy Horder : "Provocation and Responsibility" (OUP, 1992 p.120)**";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Francis Buhagiar minnu pprezentat fis-26 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi, filwaqt li ssibu hati skond l-ammissjoni tieghu, tirriduci l-perijodu tal-piena karcerarja u l-multa inflitta u

dan salv rimedji ohra li din il-Qorti tista' talvolta tapplika skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-Avukat Dott. Manwel Mallia ghall-appellant u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat:

Qabel xejn irid jigi rimarkat li dan huwa kaz fejn l-appellant ammetta quddiem l-ewwel Qorti l-akkuzi dedotti kontra tieghu, u li huwa ppersista f'din l-ammissjoni anke wara li gie mwissi b'mod l-aktar solenni minn dik il-Qorti, kif titlob il-ligi, dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu u anke taghtu zmien biex jerga' lura minnha.

Kif din il-Qorti kellha okkazjoni tosserva drabi ohra[1], fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Issa, fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant qieghed jilmenta li l-piena inflitta kienet wahda eccessiva. Isostni li in vista tal-fatt li ammetta l-akkuzi u in vista ta' gurisprudenza recenti kellu jkollu riduzzjoni ulterjuri tal-piena. Jilmenta li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet li ghalkemm saret ammissjoni ma setghetx tikkonsidra dik l-ammissjoni

[1] Ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta vs Serag F. H. Ben Abid** ta' l-4 ta' Dicembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Fabian Galea et** tad-29 ta' Lulju 2004.

bhala wahda bikrija. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant ikompli:

"Illi bir-rispett, meta wiehed jara l-istat ta' 'personality disorder' li l-psikjatra Dr Joseph Cassar sab lill-esponent fih, u cioe` li l-esponenti ghandu 'low average' u 'border intelligence', u ghalhekk wiehed ghandu jifhem id-diffikultajiet biex l-esponenti jifhem certu principji, aktar u aktar, meta dan hu akkompanjat, f'mumenti ta' stress, ma' stat paranojku. Illi ghalhekk wiehed ghandu jifhem id-diffikultajiet li kien hemm biex l-esponenti jifhem il-kuncetti legali nvoluti.

Illi l-esponenti mar ghall-kura ghand Dr Cassar, fejn baqa' jmur u jsegwi t-trattament mediku sal-gurnata ta' l-ammissjoni, u Dr Cassar xehed li l-esponenti immeliora hafna taht il-kura u l-pilloli li kien qed jaghtih. Illi ghalhekk it-trapass taz-zmien ntuza b'mod benefiku, biex b'hekk l-esponenti seta' jifhem ahjar dak li kien ser jigri u ghalhekk seta', f'dak l-istadju, issa b'konsapevolezza ta' dak li qed jigi spjegat lilu, jammetti. Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-ammissjoni bikrija, m'ghandhiex titqies b'mod oggettiv biss, imma anke soggettiv. Kien dak l-ewwel stadju li [fih] l-esponenti, bil-kundizzjonijiet mentali tieghu kollha [li] seta' jammetti l-akkuzi de quo, u ghalhekk l-esponenti kellu jibbenefika ulterjorment mill-ammissjoni tieghu.

Illi l-paraguni tas-sentenzi li saru kienu kollha gurijiet li gew kontestati u mhux ammessi, u fost dawn l-istess sentenzi hemm sentenzi fejn il-piena kienet anqas ("Ir-Repubblika ta' Malta vs Duminku Briffa", "Ir-Repubblika ta' Malta vs Grazio Gerada").

Illi kien biss fil-31 ta' Ottubru 2003, li l-Avukat Generali prezenta nota fejn biha ddikjara li 'fl-eventwalita` biss ta' ammissjoni da parti ta' l-akkuzat ta' l-akkuzi migjuba kontrieh, [i]l-piena karcerarja m'ghandhiex tkun aktar minn ghaxar snin …'.

Illi wiehed ghandu jikkonsidra li l-esponenti kien qed ibati fiz-zmien tar-reat b'depressjoni, u li ghalhekk l-istat paranojku tieghu jkun aktar accentwat.

Illi wiehed ghandu jikkonsidra l-eta` avvanzata ta' l-esponenti li ghandu tlieta u sebghin (73) sena, flimkien mal-fatt li f'dak it-tul ta' zmien kollu, nonostante l-istat psikologiku li twieled bih l-akkuzat, ghandu kondotta bazikament nadifa."

L-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hi li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet wahda dettaljatissima u kkunsidrat prattikament il-punti kollha sollevati f'dan l-appell. Ghalhekk ftit hemm x'wiehed jista' jzid. Din il-Qorti se tissofferma biss fuq zewg punti, dik dwar il-kwistjoni ta' l-ammissjoni bikrija u dik dwar l-uniformita` ta' sentenzi fil-kaz ta' reati simili.

Fuq il-kwistjoni ta' ammissjoni bikrija, din il-Qorti tirribadixxi t-taghlim tal-Qrati taghna in materja, u cioe` li ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.[2] Jigifieri anke jekk l-ammissjoni kienet wahda bikrija, ma jfissirx li necessarjament il-Qorti hi marbuta li taghti *"discount"*. Kif anke naqraw f'**Blackstone's Criminal Practice 2001** dwar ir-regoli generali enuncjati mill-Qrati Inglizi:

"**Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In** *Buffery(1992)* **14Cr. App. R. (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who**

2 Ara fost ohrajn: Qorti Kriminali, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi**, sentenza preliminari 24 ta' Frar 1997; Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Emmanuel Testa**, 7 ta' Lulju 2002.

**voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount** *(Hoult* **(1990) 12 Cr. App. R. (S) 180;** *Claydon* **(1993) 15 Cr. App. R. (5) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused** *(Wood* **[1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities** *(Guy* **[1992] 2 Cr. App. R. (5) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost** *(Morris* **(1988) 10 Cr. App. R. (5) 216;** *Landy* **(1995) 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage** *(Hollington* **(1985) 82 Cr. App. R. 281;** *Okee* **[1998] 2 Cr. App. R. (5)199). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts** *(Williams* **(1990) 12 Cr. App. R. (5) 415. The leading case in this area is** *Costen* **(1989) 11 Cr. App. R. (5) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in** *Costen* **that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts. In** *Byrne* **[1997] 1 Cr. App. R. (5) 165 it was held that an offender who had absconded and remained at large for 19 months was not entitled to expect a discount for his guilty plea when he pleaded guilty after being re-arrested.**"

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li permezz ta' l-istqarrija lill-Pulizija tas-16 ta' Frar 1999, l-appellant ammetta li kien hu

li qatel lil ohtu Maria. Din l-istqarrija mbaghad huwa kkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dott. Giovanni Grixti fl-istess jum. Pero` kien biss madwar tliet snin u nofs wara li kien gie notifikat bl-att ta' akkuza li l-appellant irregistra l-ammissjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti. Madanakollu jirrizulta li d-dewmien kien anke dovut ghall-fatt li d-difiza kien qed ikollha certi diffikultajiet sabiex tikkomunika ma' l-akkuzat biex dan ikun f'pozizzjoni jiddeciedi ghandux jirregistra ammissjoni jew le, u dan in vista tal-fatt li l-appellant isofri minn *"personality disorder"*[3]. Izda kien fl-24 ta' Mejju 2002, jigifieri madwar sentejn wara n-notifika ta' l-att ta' akkuza, li jidher li saret trattazzjoni l-ewwel darba quddiem l-ewwel Qorti dwar l-istat ta' sahha mentali ta' l-appellant. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li l-ammissjoni registrata fit-3 ta' Novembru 2003 ma setghetx titqies *"ghal kollox bhala ammissjoni bikrija"* filwaqt li fl-istess hin apprezzat id-diffikultajiet li kienet qed tiffaccja d-difiza. Difatti qalet testwalment li hija *"qieset u fehmet id-diffikultajiet li setghet kienet qed tiffaccja d-difiza tieghu biex setghet tittiehed decizjoni fir-rigward tenut kont tal-fakultajiet konjittivi u tal-'personality disorder' li jsofri minnhom il-hati w li setghu wasslu biex din id-decizjoni tigi posposta ghal daqstant zmien."* Pero` hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li ghas-seduta tat-3 ta' Novembru 2003, f'liema seduta l-appellant ammetta l-akkuzi dedotti, kien sar hafna xoghol inutili. Inoltre kkunsidrat ukoll il-kondizzjoni ta' l-appellant u l-kura li jinsab tahtha kif spjega l-psikjatra Dr. Joseph Cassar.

Ir-reat taht l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza huwa reat serju u galadarba l-piena massima ghal dak ir-reat hija ta' ghoxrin sena prigunerija meta l-piena nflitta f'dan il-kaz kienet ta' ghaxar snin prigunerija, ma jistax jinghad li l-ewwel Qorti ma tatx xorta d-debita konsiderazzjoni u importanza ghall-fatt ta' l-ammissjoni kif ukoll ghad-dikjarazzjoni ta' l-Avukat Generali li l-piena ma kellhiex teccedi l-ghaxar snin prigunerija in vista ta' tali ammissjoni.

---

[3] Ara certifikat tal-psikjatra Dr. Joseph Cassar datat 8 ta' Settembru 2002 u xiehda ta' l-istess psikjatra quddiem l-ewwel Qorti fit-3 ta' Novembru 2003.

Dwar il-kwistjoni ta' l-uniformita` ta' sentenzi, l-appellant jghid li saru paraguni ma' gurijiet li kollha gew kontestati u mhux ammessi. Ammissjoni ma tnaqqasx mir-responsabbilta` kriminali tal-hati u kull kaz ghandu l-fattispecje partikolari tieghu. Difatti l-legislatur halla margini wiesa' ta' diskrezzjoni ghal dik li hi piena ghal reati bhal dak in kwistjoni, jigifieri minn gurnata sa ghoxrin sena prigunerija. U bhalma qalet il-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha ta' l-10 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Attard**, citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Grazio Gerada**:

"Rinfaccat b'margini ta' piena minn gurnata sa ghoxrin sena prigunerija, il-gudikant jista' mad-daqqa t'ghajn, ikun tentat li jinvoka b'approvazzjoni l-massima legali, attribwita lil Sir Francis Bacon *optima est lex quae minimum relinquit arbitrio judicis, optimus judex qui minimum sibi.* Izda fil-kaz tal-omicidju volontarju skuzabbli [skond l-Artikolu 227] il-legislatur halla margini kbira ta' diskrezzjoni fil-piena proprju ghax irrikonoxxa d-diversita` ta' fatti u cirkostanzi li jistghu jikkonkorru fil-kaz konkret. In fatti l-legislatur jippunixxi l-omicidju volontarju (u l-offizi volontarji fuq il-persuna) skuzabbli minhabba sahna ta' demm mhux ghaliex il-persuna tkun tilfet il-kapacita` li tirrifletti izda ghax il-gudizzju taghha dwar ic-cirkostanzi ta' madwarha u, fil-kaz ta' provokazzjoni, dwar dik il-provokazzjoni, ikun zbaljat b'mod li r-reazzjoni – li tibqa' dejjem wahda doluza – ghal dawk ic-cirkostanzi jew ghal dik il-provokazzjoni tkun sproporzjonata. Aktar ma jkun hemm sproporzjon, aktar il-piena ghandha tkun kbira. Id-dinamika tat-telf tal-kapacita` li wiehed jirrifletti dwar l-eghmil tieghu, specjalment f'kazijiet ta' provokazzjoni, giet analizzata u spjegata minn Jeremy Horder fil-monografija tieghu *Provocation and Responsibility* (OUP, 1992) hekk:

'Loss of self-control does not hence lead necessarily, or even typically, to wild lashing out or anything of the kind. It leads merely to the retaliation that is desired …. [T]he nature of the retaliation desired depends on the prior judgment of wrongdoing. For it is the

judgment of wrongdoing that determines the nature and intensity of the desire, and hence the degree of retaliation desired. As east says of the even-tempered person possessed of reasonable powers of self-control, provocation 'heat[s] the blood to a proportionable degree of resentment' …. The 'proportionable' character of the resentment, and hence the proportionable character of the retaliation, stem from a judgment of wrongdoing that is proportionable to the gravity of the provocation' (pp. 101 - 102).

U l-istess awtur ikompli jghid:

'It is, thus, the judgment of wrongdoing that ultimately determines defendants' reactions where they have lost their self-control …. The desire for retaliatory suffering simply follows in the wake of that judgment, and when self-control is lost, tat desire leads ineluctably to the infliction of the retaliation desired. It is thus judgments of wrongdoing that must be the measure of people's characters when  they lose their self-control. A correct judgment of wrongdoing is a display of the virtue of even-temperedness. It follows that the further beyond the mean people go in their judgments of wrongdoing, the greater their departure in point of excess from the path of virtue, and the greater will be the extent of their over-reaction when they lose their self-control' (pp. 105 - 106).

Kif gie osservat f'sentenza Ingliza - *Bancroft* (1981) 3 Cr. App. R. (S) 119 -

'… notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control, there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognise that there is still left some degree of culpability ….' (p.120)."

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti osservat li l-fattispecji li wasslu biex il-hatja fis-sentenzi citati mid-difiza u mill-

prosekuzzjoni jinghataw il-beneficcju ta' l-attenwanti tal-agitazzjoni tal-mohh u passjoni istantaneja mhumiex identici ghall-kaz in ezami. Skrutinju tas-sentenzi msemmija juri li dan huwa minnu, u filwaqt li huwa veru li fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Duminku Briffa** deciz minn din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 2003 u fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Grazio Gerada** deciz mill-Qorti Kriminali fit-30 ta' Gunju 1997 il-piena kienet anqas minn ghaxar snin, f'kazijiet ohra l-piena kienet anke aktar - **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Farrugia** deciza mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Novembru 1996 u kkonfermata minn din il-Qorti fil-5 ta' April 2001 fejn l-akkuzat gie kkundannat tnax-il sena prigunerija, u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Attard** suriferita li minnha ma giex intavolat appell u fejn l-akkuzat gie kkundannat hdax-il sena prigunerija.

Minn dan kollu jidher li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti, apparti li hi fil-parametri tal-ligi, giet imposta minnha fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha rilevanti u inoltre l-piena ma gietx inflitta fil-massimu taghha. Nonostante dan, din il-Qorti ghamlet ezami akkurat ta' l-atti sabiex mic-cirkostanzi kollha rizultanti tara jekk ghandux ikun hemm temperament tal-piena nflitta. Fil-fehma taghha pero` ma jidher li hemm l-ebda raguni li tista' timmotivaha biex tvarja l-piena. L-istqarrija li l-appellant ghamel lill-Pulizija u li kkonferma bil-gurament hi elokwenti hafna u turi c-cirkostanzi kollha li fihom sehh id-delitt in kwistjoni. Ix-xiehda tal-psikjatra Dr. Joseph Cassar dwar il-kondizzjoni ta' l-appellant hija wkoll sinjifikattiva, u b'mod partikolari l-fatt li dan ix-xhud qal li ghalkemm jahseb li huwa bizzejjed li l-appellant jara psikjatra darba fix-xahar u l-psikjatra jhossu komdu b'dak li qed jaghmel, dan *"ma jfissirx li jekk jinqala' xi haga out of the blues u urgenti ma jistax jirreagixxi ghaliha …. Il-periklu jibqa' hemmhekk"*.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena ta' ghaxar snin prigunerija li giet inflitta mill-ewwel Qorti tikkostitwixxi bilanc gust bejn dak kollu li hija kkunsidrat favorevoli ghall-appellant, ic-cirkostanzi li fihom sehh id-delitt u l-gravita` ta' l-istess delitt; bilanc bejn ic-cirkostanzi

personali attenwanti ta' l-appellant u l-protezzjoni li trid tinghata lis-socjeta`, b'dan li se taghti l-provvediment opportun in vista ta' l-istat ta' sahha ta' l-istess appellant kif suggerit mill-psikjatra Dr. Joseph Cassar.

Dwar il-multi inflitti din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tnaqqas dak li gie inflitt mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fl-intier b'dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multi u ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex jassigura li l-appellant jibqa' jinghata l-kura u l-attenzjoni kollha psikjatrika skond il-htiega u li jigi nvistat minn psikjatra mill-anqas darba fix-xahar. Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------